MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 298/2004/1

**George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur tal-assenti Frances mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella mart Raymond Sant u Nathalie Abela, ulied Carmelo Abela**

**v.**

**Alfred Abela, Emanuel Abela, John Abela u Anthony Abela; u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2006 il-kawza tkompliet fil-persuna ta' Doris Abela minflok Alfred Abela li miet waqt li kienet miexja l-kawza**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn digriet tal-10 ta' Lulju 2006 kif ukoll minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru, 2007 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija. F'dik is-sentenza jinghad hekk:
"F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li jkollhom aċċess għal proprjetà li għandhom in komun mal-konvenuti.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet huma *aventi causa* minn Emanuele u Martha miżżewġin Abela, li mietu wieħed fis-26 ta' Frar 1982 u l-oħra fl-10 ta' April 1983. B'testment li għamlu *unica charta* fid-19 ta' Novembru 1981 Emanuele u Martha Abela, wara li ħallew xi prelegati, kienu ħatru lill-konvenuti John u Anthony Abela bħala werrieta universali tagħhom. Martha Abela għamlet testment ieħor, sigriet, weħedha, fit-23 ta' April 1982, li kien pubblikat min-Nutar Henri Vassallo fil-31 ta' Mejju 1993, u f'dan it-testment Martha Abela biddlet it-testment *unica charta* sabiex l-ulied subien (it-tifel li miet qabilha rappreżentat minn uliedu) ikunu ħadu sehem indaqs mill-wirt ta' Emanuele u Martha meqjusin flimkien, billi mill-wirt ta' Martha ssir ekwiparazzjoni ma' dak li tħalla mill-wirt ta' Emanuele.

"Fost il-beni tal-wirt ta' Emanuele u Martha Abela hemm dawn l-immobbli:

"(i) il-*maisonette* 174, Triq l-Arkati, Casal Paola;

"(ii) il-maħżen 176, Triq l-Arkati, Casal Paola;

"(iii) il-*garages* 175 u 177, Triq Ninu Cremona, Casal Paola; u

"(iv) il-fond *Honey House*, 179, Triq Ninu Cremona, Casal Paola.

"Il-partijiet għalhekk huma komproprjetarji ta' dawn il-beni. L-atturi talbu lill-konvenuti jagħtuhom kopja taċ-ċwievet għall-proprjetajiet, iżda l-konvenuti ma tawhielhomx. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jagħtu lil kull wieħed

minnhom kopja taċ-ċwievet tal-fondi fuq imsemmija, u dan fi żmien qasir u perentorju li jingħatalhom. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ ittri interpellatorji.

"Il-konvenuti ressqu ħames eċċezzjonijiet li essenzjalment, u maqtugħa l-kliem żejda li fihom, igħidu hekk:

"1. iċ-ċitazzjoni ma tfissirx ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba, kif irid l-Art. 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax ma hemmx premessa illi l-proprjetajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni huma f'idejn il-konvenuti u li l-atturi huma mċaħħda minnhom;

"2. it-talba biex il-konvenuti jagħtu lill-atturi kopja taċ-ċwievet "ma hiex legalment intelliġibbli";

"3. il-konvenuti ma humiex kontradittturi leġittima għat-talba relativa għall-fondi numru 174 Triq l-Arkati u numru 179 Triq Ninu Cremona, Casal Paola, għax dawk il-fondi ma humiex f'idejhom;
"4. il-konvenuti għandhom il-fondi numru 176 Triq l-Arkati, u 175 u 177 Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid, b'titolu ta' kiri mingħand missierhom Emanuele;

"5. il-konvenuti ilhom "fil-pussess esklussiv" tal-fondi msemmija fl-eċċezzjoni ta' qabel din sa minn qabel il-mewt tal-ġenituri tagħhom, u għad għandhom dak il-pussess sal-lum; għalhekk dak il-pussess "ma għandux jiġi disturbat" sa ma ssir il-qasma finali.

"Dawn l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, fil-fehma tal-Qorti, huma jew għal kollox fiergħa jew mibnija fuq premessi foloz.

"L-oġġett u r-raġuni tat-talba tal-atturi huma mfissra sew fiċ-ċitazzjoni: jidher ċar li qegħdin jitolbu li jingħataw aċċess għal beni li minnhom għandhom sehem mingħand komproprjetarji oħrajn li, jgħidu l-atturi, għandhom dawk il-beni f'idejhom. Huwa ċar ukoll illi biex ikollhom dan l-aċċess għandhom ikollhom kopja taċ-ċwievet. Jekk għall-konvenuti din it-talba ma hijiex "intelliġibbli" dan huwa biss

problema tagħhom u ma jwassalx għal xi nuqqas fiċ-ċitazzjoni.

"L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet huma għalhekk miċħuda.

"Biex jagħmlu prova ta' dak li jingħad fit-tielet u fir-raba' eċċezzjonijiet, xehdu l-konvenuti kollha. Bla ebda esitazzjoni l-Qorti, li semgħethom jixhdu u rat kif ġabu ruħhom waqt li kienu jixhdu, tgħid illi ma temminhomx u li x-xhieda tagħhom ma kienitx sewwa. Fittxu li jinqdew ukoll b'dokumenti – riċevuti ta' ħlas ta' kera – li perizja teknika ordnata mill-Qorti wriet li kienu dokumenti foloz.

"Il-Qorti għalhekk la temmen illi tassew il-proprjetajiet imsemmija fir-raba' eċċezzjoni huma f'idejn il-konvenuti b'titolu ta' kiri li jiswa, u lanqas ma temmen illi tassew ma għandhomx ukoll f'idejhom il-proprjetajiet imsemmija fit-tielet eċċezzjoni.

"It-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet huma għalhekk miċħuda.

"Il-ħames eċċezzjoni tgħid illi l-pussess tal-konvenuti "ma għandux jiġi disturbat" sa ma jintemm l-istat ta' komunjoni.

"Mill-imġieba għal kollox diżonesta tal-konvenuti fid-difiża tagħhom tal-kawża tal-lum, il-Qorti ma ssibx diffikoltà biex temmen u tikkonkludi illi l-konvenuti kisbu dak il-pussess b'mod daqstant ieħor diżonest. Pussess bħal dan ma jistħoqqlux il-ħarsien li trid il-ħames eċċezzjoni, li għalhekk hija miċħuda wkoll.

"Il-Qorti għalhekk, wara li rat l-Art. 491 tal-Qorti [*recte*: Kodici] Ċivili, tikkundanna lill-konvenuti jagħtu lil kull wieħed u waħda mill-atturi kopja taċ-ċavetta ta' kull wieħed mill-immobbli msemmija fiċ-ċitazzjoni fi żmien ġimgħa mil-lum. Għall-għanijiet tal-Art. 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-Qorti tagħti lill-atturi s-setgħa illi jidħlu fl-istess immobbli bi żgass jekk il-konvenuti ma jagħtuhomx iċ-ċwievet fiż-żmien li ngħatalhom.

"Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni u wkoll l-ispejjeż tal-iżgass jekk dan ikun meħtieġ.

"Billi wkoll hija tal-fehma illi n-nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata mill-konvenuti hija att għal kollox fieragħ, maħsub biss biex itawwal il-proċeduri, il-Qorti, wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lir-reġistratur spejjeż addizzjonali ta' elf Lira (Lm1,000 – €2,329.37).

"Billi wkoll jista' jkun illi meta l-konvenuti fittxew illi jinqdew b'dokumenti falzifikati għall-għanijiet tad-difiża tagħhom huma kisru dispożizzjonijiet tal-liġi penali, tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan, jekk jidhirlu illi huwa l-każ, imexxi kif tgħid u trid il-liġi. "

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fl-24 ta' Dicembru, 2007, talbu li ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tannulla, tikkancella u tirrevoka id-digriet tal-10 ta' Lulju, 2006 li bih l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-appellanti ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u minflokk, tilqa' tali talba u tirrimetti u t(irr)invija l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti ghas-smiegh u decizjoni mill-gdid, u f'kaz illi l-ewwel talba ghar-revoka tal-imsemmi digriet ma tigix milqugha tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ewwel lok tas-6 ta' Dicembru 2007 fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet attrici maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-atturi appellati pprezentaw risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn filwaqt li ssottomettew illi d-digriet tal-10 ta' Lulju, 2006 u s-sentenza appellata huma gusti u jimmeritaw konferma, intavolaw appell incidentali limitatament ghal mod kif fl-okkju tas-sentenza l-attrici appellata Nathalie Abela giet, skorrettement, indikata

bhala '*mart Carmelo Abela*' u li konsegwentement, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu li l-kelma '*mart*' fl-okkju tas-sentenza tigi sostitwita bil-kelma '*ulied*', u li din il-Qorti tikkonferma kemm id-digriet tal-10 ta' Lulju, 2006 kif ukoll is-sentenza appellata hlief ghall-korrezzjoni rikjesta.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-atturi jghidu li huma, *qua* eredi tal-genituri taghhom, huma komproprjetarji flimkien mal-konvenuti ta' diversi proprjetajiet derivanti mill-istess eredita` u ghalhekk talbu li jinghataw ic-cwievet ta' diversi fondi msemmija fic-citazzjoni. Il-konvenuti kkontestaw din it-talba billi fl-ewwel lok eccepew in-nullita` tac-citazzjoni stante li din ma hemmx tifsira cara tat-talbiet u li talba biex l-atturi jinghataw kopja tac-cwievet tal-fond ma hijiex legalment intelligibbli. Eccepew ukoll li huma ma kienux legittimi kontraditturi fir-rigward ta' xi fondi msemmija fic-citazzjoni, li huma ghandhom titlu ta' kera fir-rigward ta' fondi ohra u li finalment il-pussess taghhom tal-imsemmija fondi, li ilhom igwadu minn qabel ma mietu l-genituri taghhom, ma ghandux jigi disturbat sa ma ssir il-qasma.
Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti b'mod inciziv izda espressiv hafna mhux talli cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi sostniet li "*huma jew ghal kollox fiergha jew mibnija fuq premessi foloz*", talli kkundannat lill-istess konvenuti jhallsu lir-registratur tal-Qorti spejjez addizzjonali ta' €2,329.37 a tenur tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A mehmuza mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili stante li kkunsidrat li n-nota tal-eccezzjonijiet taghhom "*hija att ghal kollox fieragh, mahsub biss biex itawwal il-proceduri.*" Infatti fil-korp tas-sentenza l-ewwel Qorti, b'referenza ghax-xhieda u l-imgieba tal-konvenuti tuza kliem iebes billi tghid li "*ma temminhomx u li x-xhieda taghhom ma kienitx sewwa.*" Ziedet tghid ukoll l-ewwel Qorti li "*Mill-imgieba ghal kollox dizonesta tal-konvenuti fid-difiza taghhom tal-kawza tal-lum, il-Qorti ma ssibx diffikulta` biex temmen u tikkonkludi illi l-konvenuti kisbu dak il-pussess b'mod daqstant dizonest.*" Kliem dan li, filwaqt li ma ghandux jittiehed b'mod legger, juri wkoll l-apprezzament li ghamlet l-ewwel

Qorti fil-kuntest ta’ dak kollu li semghet u rat waqt is-smiegh tal-kawza.

**L-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti.**

L-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti fl-ewwel lok jikkoncernaw ic-cahda tal-ewwel Qorti ghat-talba taghhom ghal hatra ta’ Periti Addizzjonali wara r-rapport tal-espert kalligrafiku li esprimiet ruhha fir-rigward ta’ xi firem fuq ricevuti prodotti mill-konvenuti in sostenn tal-allegazzjoni taghhom li huma kienu jokkupaw diversi fondi b’titolu ta’ kera. L-aggravji l-ohra huma kollha marbuta mal-eccezzjonijiet li gew intavolati mill-istess konvenuti billi qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta cahdet dawn l-eccezzjonijiet.

Illi dwar l-ewwel aggravju u cioe` dak li jikkoncerna l-appell mid-digriet tal-10 ta’ Lulju, 2006 jinghad li b’digriet tat-3 ta’ Marzu 2005 fuq talba tal-atturi nhatret l-P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala espert tal-kitba “*sabiex tirrelata dwar jekk il-firma ta’ Carmelo Abela fuq ir-ricevuti esebiti bhala Dok A man-nota ta’ eccezzjonijiet hijiex awtentika.*” Ir-rapport gie mahluf fl-udjenza tal-21 ta’ Ottubru, 2005 u peress li l-konvenuti hassew ruhhom aggravati bil-kontentu tieghu b’nota pprezentata fis-26 ta’ Ottubru 2005 talbu l-hatra ta’ periti addizjonali ossija perizjuri. B’digriet moghti fl-udjenza tal-10 ta’ Lulju, 2006 l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti billi pprovdiet hekk: “*Rat ir-relazzjoni tal-istess perit. Rat l-Art. 674(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; Billi hija tal-fehma illi perizja addizzjonali ma hijiex mehtiega, u hatra ta’ periti addizzjonali sservi biss biex titwal inutilment il-kawza: Tichad it-talba.*”

Il-konvenuti, kif gja` rilevat, appellaw minn dan id-digriet billi jsostnu li gialadarba x-xjenza involuta fl-gharfien ta’ kalligrafija ma hija xejn preciza u la darba l-akkoljiment o meno ta’ wahda mill-eccezzjonijiet kienet tiddipendi fuq dan ir-rapport tekniku, kien jimmerita li jinhatru periti addizzjonali. Din il-Qorti pero` tosserva li l-Artikolu 674 tal-Kap. 12 jqiegħed il-kwistjoni ta’ hatra ta’ periti addizzjonali fid-diskrezzjoni esklussiva tal-gudikant li jkun qed

jippresjedi dik il-Qorti. Infatti l-ligi tghid li "*Il-Qorti, b'talba ta' parti jew ohra, tista'* (enfazi mizjuda) *tghaddi ghall-hatra ta' periti addizzjonali …..*". Ghalhekk ma hemm ebda obbligu fuq il-Qorti li takkolji talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali, u tali hatra tinsab kompletament fid-diskrezzjoni taghha. Dan jaghmel sens, billi hija dik il-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz u li jkollha konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti kollha in atti li tista' taghmel evalwazzjoni tajba fil-kuntest tat-talba li ssir lilha. F'dan ir-rigward jigi osservat li l-ewwel Qorti mhux biss tat ir-raguni l-ghala t-talba kienet qed tigi michuda, talli l-istess digriet li bih cahdet it-talba nghata zmien twil (cirka disa' xhur) wara t-talba ghall-periti addizzjonali u wara li dik il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' dak li kien hemm fir-rapport. Ghalhekk mhux kaz li t-talba tal-konvenuti giet michuda b'mod legger kif jista' jigri f'xi okkazzjonijiet meta talba simili tigi michuda dakinhar stess li ssir, izda dan kien provvediment kunsidrat u meqjus. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward, u ghalhekk sejra tichad din il-parti tal-appell.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-aggravju dwar ic-cahda tal-eccezzjoni dwar in-nullita` tac-citazzjoni billi din, allegatament, mhux cara u stante wkoll li t-talba ma hijiex legalment intelligibbli, din il-Qorti tosserva li huwa risaput li fi zminijiet aktar recenti sew fil-gurisdizzjoni nostrana kif ukoll f'gurisdizzjonijiet ohra, l-assenza ta' formalizmu rigoruz fit-tehijja ta' atti gudizzjarji ma ghandux iwassal ghan-nullita` ta' dawk l-atti billi kull ma hu mehtieg hu li jigi salvagwardat l-interess tal-kontro-parti billi din tifhem ezattament dak li qed jigi mitlub mill-Qorti biex tkun tista' tiddefeni ruhha b'mod adegwat. Issa mic-citazzjoni jidher car dak li l-atturi qed jitolbu lill-Qorti, u dan fehmuh sewwa l-konvenuti kif jidher car mill-eccezzjonijiet taghhom. Jekk forsi l-kliem uzat fit-talbiet ma huwiex tant felici dan ma jwassalx ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` tac-citazzjoni. Wara kollox dak li hemm kontenut fl-att promotorju huwa previst mil-ligi billi kull komproprjetarju ghandu d-dritt li jaccedi ghall-proprjeta` formanti parti l-assi ereditarju u f'kaz ta' immobbli dan l-access u konsegwentement il-pussess

jista` biss jissarraf billi l-ko-eredi jkollu kopja tac-cavetta tal-fond jew fondi in kwistjoni. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Ghar-rigward tal-aggravji fil-mertu din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti terga' taghmel apprezzament tal-provi rizultanti billi qed tigi mitluba li minn dawn l-istess provi ghandha tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Issa huwa risaput li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ma jirrizultax li b'dak l-apprezzament tista' tinholoq xi ngustizzja. Biss minn ezami akkurat tal-provi prodotti kif ukoll mir-rapport tal-espert kalligrafiku, din il-Qorti hija soddisfatta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament <u>tajjeb hafna</u> tal-provi; u mhux hekk biss, imma b'mod enfatiku, wara li semghet dak li kellha tisma' u hadet konjizzjoni tal-attegjament tal-istess konvenuti waqt id-deposizzjonijiet taghhom, sahansitra kkonkludiet li l-eccezzjonijiet kienu *ghal kollox fiergha jew mibnija fuq premessi foloz*. Tenut kont ta' dak li gie espost fir-rikors tal-appell kif ukoll fir-risposta tal-atturi appellati din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u hames eccezzjonijiet u ghalhekk taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-aggravju koncernanti l-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' €2,329.37 lir-Registratur tal-Qorti din il-Qorti hija tal-fehma li provvediment simili mehud in prim istanza jirrifletti dak li l-ewwel Qorti tkun hasset waqt it-tmexxija tal-kawza u l-aspetti kollha rizultanti mill-provi prodotti u x-xhieda tal-partijiet. Huwa ghalhekk inkoncepibbli kif din il-Qorti tista' tvarja jew tikkancella tali provvediment li huwa intimament marbut mad-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-appell incidentali ftit hemm xi tghid. L-atturi jigbdu l-attenzjoni ta' din il-Qorti, kif *del resto* jirrizulta li sar fl-okkju tar-rikors tal-appell tal-konvenuti u fir-risposta tal-istess atturi, li fl-okkju tas-sentenza hemm zball fis-sens li Nathalie Abela giet indikata bhala "mart Carmelo Abela" mentri fic-citazzjoni tinsab indikata korrettament bhala wahda mill-ulied tal-istess Carmelo Abela. Ghalhekk jidher car li jehtieg li ssir korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza billi l-kelma "mart" qabel il-kliem "Carmelo Abela", tigi sostitwita bil-kelma "ulied". Dan l-aggravju jirrizulta gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali tal-atturi u konsegwentement tordna li fl-okkju tas-sentenza appellata l-kelma "mart" qabel isem "Carmelo Abela" tigi sostitwita bil-kelma "ulied"; ghal bqija tichad l-appell tal-konvenuti billi tikkonferma d-digriet tal-10 ta' Lulju, 2006 kif ukoll is-sentenza appellata tas-6 ta' Dicembru, 2007, bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza ghall-istess konvenuti appellanti. It-terminu ta' gimgha jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi wkoll mibghuta mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-istess fini tal-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------